KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
EMILIOU
ippreżentati fit-2 ta' Ġunju 2022 [1]

Kawża C-147/21

Comité interprofessionnel des huiles essentielles françaises (CIHEF),
Florame,
Hyteck Aroma-Zone,
Laboratoires Gilbert,
Laboratoire Léa Nature,
Laboratoires Oméga Pharma France,
Pierre Fabre Médicament,
Pranarom France,
Puressentiel France
vs
Ministre de la Transition écologique,
Premier ministre

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Il-Kunsill tal-Istat, Franza))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni – Prodotti bijoċidali – Għan tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u l-ambjent – Possibbiltà għall-Istati Membri li jadottaw miżuri restrittivi dwar prattiki kummerċjali u reklamar"

I. Introduzzjoni

1. Sabiex itejjeb il-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-ambjent, ir-regolatur Franċiż iddeċieda li r-rodentiċidi u l-insettiċidi, żewġ kategoriji ta' prodotti bijoċidali, ma jistgħux ikunu suġġetti għal ċerti prattiki kummerċjali, bħal skontijiet, riduzzjoni tal-prezz u tnaqqis. Huwa rrestrinġa wkoll ir-reklamar għall-istess kategoriji ta' prodotti kif ukoll għal dawk ta' ċerti diżinfettanti.

2. Fil-proċeduri prinċipali, diversi kumpanniji qegħdin jitolbu l-annullament ta' dawn ir-regoli u jikkontestaw il-kompatibbiltà tagħhom, *inter alia*, mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [2].

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU 2012, L 167, p. 1) (iktar 'il quddiem il-"RPB").

3. Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) għandu dubji dwar jekk l-att kisibx armonizzazzjoni eżawrjenti li tipprekludi r-regoli nazzjonali inkwistjoni u, jekk le, taħt liema kundizzjonijiet jistgħu jiġu adottati dawn ir-regoli.

4. B'hekk, din il-kawża tikkonċerna l-kamp ta' applikazzjoni tal-awtonomija li tħalliet lill-Istati Membri wara l-adozzjoni tar-RPB. Fuq bażi sussidjarja, din il-kawża essenzjalment tidħol fil-kundizzjonijiet li taħthom id-dispożizzjonijiet tat-Trattat jippermettu regoli nazzjonali bħal dawn inkwistjoni.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

5. Skont l-Artikolu 1(1) tiegħu, l-għan u s-suġġett tar-RPB huwa "li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern permezz tal-armonizzazzjoni tar-regoli dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni kemm tas-saħħa tal-bniedem kif ukoll tal-annimali u tal-ambjent. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma bbażati fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni, li l-għan tiegħu hu li jkunu salvagwardjati s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u l-ambjent. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ħarsien ta' gruppi vulnerabbli."

6. Skont l-Artikolu 1(2) tiegħu, ir-RPB "jistabbilixxi r-regoli għal:

(a) l-istabbiliment fil-livell tal-Unjoni ta' lista ta' sustanzi attivi li jistgħu jintużaw fil-prodotti bijoċidali;

(b) l-awtorizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali;

(c) ir-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet fl-Unjoni;

(d) it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali fi Stat Membru wieħed jew aktar jew fl-Unjoni;

(e) l-introduzzjoni fis-suq ta' oġġetti ttrattati."

7. L-Artikolu 72 tar-RPB jikkonċerna r-reklamar. Dan jistabbilixxi:

"1. Kwalunkwe reklam għal prodotti bijoċidali għandu, barra milli jkun konformi mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 [3], jinkludi s-sentenzi 'Uża s-sustanzi bijoċidali b'mod sikur. Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah.'. Is-sentenzi għandhom ikunu jingħarfu b'mod ċar u li jinqraw b'relazzjoni għar-reklam kollu.

2. Dawk li jirreklamaw jistgħu jissostitwixxu l-kliem 'sustanzi bijoċidali' fis-sentenzi preskritti b'referenza ċara għat-tip ta' prodott li jkun qiegħed jiġi rreklamat.

[3] Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU 2008, L 353, p. 1, rettifika fil-ĠU 2008, L 16, p. 1, fil-ĠU 2016, L 349, p. 1, fil-ĠU 2019, L 117, p. 8 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament KII").

3. Ir-reklami għall-prodotti bijoċidali ma għandhomx jirriferu għall-prodott b'manjiera li tqarraq fir-rigward tar-riskji mill-prodott għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew tal-effikaċja tiegħu. Fi kwalunkwe każ, ir-reklamar ta' prodott bijoċidali ma għandux isemmi 'prodott bijoċidali ta' riskju baxx', 'mhux tossiku', 'mhux ta' ħsara', 'naturali', 'favur l-ambjent', 'favur l-annimali' jew kwalunkwe indikazzjoni simili."

B. Id-dritt nazzjonali

8. Skont l-Artikolu L. 522-18 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent [4].

"B'rabta mal-bejgħ ta' prodotti bijoċidali ddefiniti fl-Artikolu L. 522-1, għandhom jiġu pprojbiti skontijiet, riduzzjoni tal-prezz, tnaqqis, differenzi bejn kundizzjonijiet ġenerali u dawk speċjali tal-bejgħ fis-sens tal-Artikolu L. 441-1 tal-Kodiċi Kummerċjali, l-għoti ta' unitajiet b'xejn u kwalunkwe prattiki ekwivalenti. Għandha tkun ipprojbita kwalunkwe prattika kummerċjali maħsuba biex tevadi din il-projbizzjoni, direttament jew indirettament, permezz tal-għoti ta' skontijiet, riduzzjoni tal-prezz jew tnaqqis fuq firxa differenti ta' prodotti li hija marbuta max-xiri tal-imsemmija prodotti. Il-Conseil d'État għandu jiddefinixxi b'digriet il-kategoriji ta' prodotti kkonċernati b'riferiment għar-riskji li jinvolvu għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent."

9. Skont l-Artikolu L. 522-5-3 il-ġdid tal-Kodiċi dwar l-Ambjent [5]:

"Kull reklamar kummerċjali għandu jkun ipprojbit għal ċerti kategoriji ta' prodotti bijoċidali ddefiniti [fir-RPB]. Permezz ta' deroga mill-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu, ir-reklamar intiż għal utenti professjonali għandu jkun awtorizzat fil-post fejn il-prodotti jiġu ddistribwiti lil tali utenti u f'pubblikazzjonijiet indirizzati lil tali utenti. Wara konsultazzjoni mal-Conseil d'État għandu jiġi adottat digriet li jiddefinixxi l-kategoriji ta' prodotti kkonċernati b'riferiment għar-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, u l-mod li bih tali reklami jistgħu jkunu ppreżentati. Tali reklami għandhom jindikaw b'mod ċar l-użu u l-applikazzjoni xierqa tal-prodotti, sabiex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u l-ambjent, kif ukoll il-perikoli potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali kif ukoll għall-ambjent."

10. Id-Digriet Nru 2019-642 tas-26 ta' Ġunju 2019, adottat skont l-Artikolu L. 522-18 il-ġdid tal-Kodiċi dwar l-Ambjent, jintroduċi f'dan il-kodiċi l-Artikolu R. 522-16-1, li jipprovdi li:

"Il-kategoriji ta' prodotti msemmija fl-Artikolu L. 522-18, li fir-rigward tagħhom ċerti prattiki huma pprojbiti, huma l-prodotti tat-tipi 14 u 18 iddefiniti mir-[RPB]. Dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx japplikaw għal prodotti bijoċidali eliġibbli għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni ssimplifikata skont l-Artikolu 25 ta' dan ir-regolament."

[4] Introdott mill-Artikolu 76 tal-loi nº 2018-938 du 30 octobre 2018 pour l'équilibre des relations commerciales dans le secteur agricole et alimentaire et une alimentation saine, durable et accessible à tous (il-Liġi Nru 2018-938 tat-30 ta' Ottubru 2018 li tippromwovi l-Ekwilibriju fir-Relazzjonijiet Kummerċjali fis-Settur Agrikolu u tal-Ikel, u Ikel Bnin, Sostenibbli Aċċessibbli għal Kulħadd, iktar 'il quddiem il-"Liġi tat-30 ta' Ottubru 2018").

[5] Introdott bil-Liġi tat-30 ta' Ottubru 2018.

11. Id-Digriet Nru 2019-643 tas-26 ta' Ġunju 2019, adottat skont l-Artikolu L 522-5-3 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent, jintroduċi f'dan il-kodiċi l-Artikolu R. 522-16-2 il-ġdid, li huwa fformulat kif ġej:

"I.- Il-kategoriji ta' prodotti bijoċidali msemmija fl-Artikolu L. 522-5-3, li huwa pprojbit ir-reklamar kummerċjali tagħhom intiż għall-pubbliku ġenerali, huma s-segwenti:

1° Prodotti tat-tipi 14 u 18 iddefiniti mir-[RPB];

2° Prodotti tat-tipi 2 u 4 iddefiniti minn dan ir-regolament u kklassifikati, skont id-dispożizzjonijiet tar-[Regolament KII], bħala perikoluži għall-ambjent akwatiku, kategorija 1: kategorija akuta 1 (H400) u kategorija 1 kronika (H410).

II.- Għall-prodotti msemmija fil-paragrafu I, kull reklam indirizzat għal professjonisti għandu josserva d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 72 tar-[RPB], imsemmi fil-punt 1 tal-paragrafu I. Barra minn hekk, dan ir-reklamar kollu għandu jkollu s-segwenti b'mod ċar u viżibbli:

1° Iż-żewġ sentenzi segwenti: "Qabel kull użu, ivverifika jekk l-użu ta' dan il-prodott huwiex assolutament neċessarju, speċjalment f'żoni li għandu aċċess għalihom il-pubbliku ġenerali. Sa fejn huwa possibbli, uża metodi u prodotti alternattivi li jippreżentaw l-inqas riskju għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali kif ukoll għall-ambjent."

2° Dikjarazzjoni tat-tip ta' prodott bijoċidali assoċjat mal-prodott, kif iddefinit fl-Anness V tar-[RPB] imsemmi iktar 'il fuq.

III.- Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx għal prodotti bijoċidali eliġibbli għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni ssimplifikata skont l-Artikolu 25 tar-[RPB]."

III. Il-fatti, il-proċeduri nazzjonali u d-domanda preliminari

12. Permezz ta' żewġ rikorsi, il-Comité interprofessionnel des huiles essentielles françaises (CIHEF) u l-kumpanniji Florame, Hyteck Aroma-Zone, Laboratoires Gilbert, Laboratoire Léa Nature, Laboratoires Oméga Pharma France, Pierre Fabre Médicament, Pranarom France u Puressentiel France (iktar 'il quddiem flimkien ir-"rikorrenti") talbu lill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) sabiex jannulla d-Digrieti Nru 2019-642 tas-26 ta' Ġunju 2019 dwar prattiki kummerċjali pprojbiti relatati ma' ċerti kategoriji ta' prodotti bijoċidali (iktar 'il quddiem id-"digriet ikkontestat Nru 2019-642") u Nru 2019-643 tas-26 ta' Ġunju 2019 dwar reklamar kummerċjali għal ċerti kategoriji ta' prodotti bijoċidali (iktar 'il quddiem id-"digriet ikkontestat Nru 2019-643") (iktar 'il quddiem flimkien id-"digrieti kkontestati").

13. Skont ir-rikorrenti, id-digrieti kkontestati ġew adottati *ultra vires*. Bħala tali, huma talbu lill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) sabiex jagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja rigward l-armonizzazzjoni eżawrjenti miksuba mir-RPB. Ir-rikorrenti jsostnu li l-projbizzjonijiet stabbiliti fid-digrieti kkontestati jiksru l-Artikoli L. 522-18 u L. 522-5-3 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent għaliex huma wisq ġenerali. Ir-rikorrenti jargumentaw ukoll li d-digrieti kkontestati jintroduċu diskriminazzjoni inġusta billi jiffavorixxu prodotti mhux ikkonċernati mill-projbizzjonijiet inkwistjoni, li jiksru d-dritt tal-proprjetà protett mill-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u li ġew adottati irrispettivament mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet

Fundamentali (iktar ’il quddiem il-“KEDB”). Huma jsostnu wkoll li d-digriet ikkontestat Nru 2019-642 huwa kuntrarju għad-Direttiva 2000/31/KE[6] sa fejn jikkostitwixxi interferenza mhux iġġustifikata u sproporzjonata mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u li d-digriet ikkontestat Nru 2019-643 huwa illegali minħabba li jikkostitwixxi interferenza eċċessiva mad-dritt tal-libertà tal-espressjoni żgurat mill-Artikolu 10 KEDB.

14. Fid-difiża tiegħu, il-Ministre de la Transition ecologique (il-Ministru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika, Franza) sostna li ż-żewġ rikorsi għandhom jiġu miċħuda.

15. Fid-deċiżjoni tar-rinviju tiegħu, il-Conseil d’État (il-Kunsill tal-Istat) jispjega r-raġunijiet għaċ-ċaħda tat-talbiet kollha msemmija iktar ’il fuq bl-eċċezzjoni ta’ dik ibbażata fuq ir-RPB li, skont din il-qorti, ma tinkludi ebda dispożizzjoni li jew tawtorizza jew tipprekludi lill-Istati Membri jadottaw miżuri restrittivi bħal dawk inklużi fl-Artikoli L. 522-18 u L. 522-5-3 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent. Il-qorti tar-rinviju għalhekk hija inċerta dwar jekk tali miżuri jistgħux jiġu adottati mingħajr ksur ta’ dan ir-regolament.

16. F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d’État (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi segwenti:

“Ir-[RPB] jipprekludi li Stat Membru jadotta, fl-interess tas-saħħa pubblika u tal-ambjent, regoli restrittivi fil-qasam tal-prattiki kummerċjali u tar-reklamar, bħal dawk li jipprevedu l-Artikoli L. 522-18 u L. 522-5-3 tal-code de l’environnement (il-Kodiċi dwar l-Ambjent)? Jekk dan ikun il-każ, taħt liema kundizzjonijiet Stat Membru jkun jista’ jadotta tali miżuri?”

17. Ġew sottomessi osservazzjonijiet bil-miktub mir-rikorrenti, mill-Gvernijiet ta’ Franza, tal-Italja u tal-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Ir-rikorrenti, il-Gvern Franċiż u l-Kummissjoni ppreżentaw argument orali fis-seduta li nżammet fid-9 ta’ Marzu 2022.

IV. Evalwazzjoni

18. Din il-kawża tikkonċerna l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni Ewropea ta’ regoli nazzjonali Franċiżi[7] li, minn naħa, jipprojbixxu ċerti prattiki kummerċjali fir-rigward ta’ żewġ kategoriji ta’ prodotti bijoċidali u li, min-naħa l-oħra, jirrestrinġu r-reklamar fir-rigward tal-istess kategoriji ta’ prodotti bijoċidali kif ukoll ta’ tnejn oħra.

19. Sejjer nibda l-analiżi billi nikkunsidra l-livell ta’ armonizzazzjoni miksub mir-RPB, peress li dan huwa l-istrument tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi dwaru speċifikament. Sussidjarjament, din il-qorti tistaqsi wkoll b’mod iktar ġenerali dwar il-kundizzjonijiet li fihom id-dritt tal-Unjoni jippermetti l-adozzjoni ta’ regoli nazzjonali bħal dawn inkwistjoni. Sa fejn huwa neċessarju li dan isir, jiena għalhekk sejjer nevalwa r-regoli inkwistjoni fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni rilevanti li, f’dan il-każ, huma d-dispożizzjonijiet dwar

[6] Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta’ Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta’ l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

[7] Minkejja li l-ewwel domanda tistaqsi dwar l-Artikoli L. 522-18 u L. 522-5-3 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent biss, il-proċeduri prinċipali jikkonċernaw il-legalità tad-digrieti kkontestati li introduċew l-Artikoli R. 522-16-1 u R. 522-16-2 fil-Kodiċi dwar l-Ambjent. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jsegwi li l-Artikolu R. 522-16-1 jispeċifika l-Artikolu L. 522-18, filwaqt li l-Artikolu R. 522-16-2 jispeċifika l-Artikolu L. 522-5-3. Dawn iż-żewġ sensiliet ta’ dispożizzjonijiet għalhekk jiffurmaw żewġ gruppi regolatorji li ġew diskussi bħala tali mill-partijiet. Għaldaqstant, ser inqis li d-domanda magħmula ma tikkonċernax biss id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi msemmija espressament iżda anki l-Artikoli R. 522-16-1 u R. 522-16-2 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent.

il-moviment liberu tal-merkanzija skont l-Artikoli 34 u 36 TFUE[8]. Dawn id-dispożizzjonijiet, madankollu, isiru applikabbli biss jekk il-kawża fil-proċeduri prinċipali tinvolvi element transkonfinali[9], li hija l-qorti tar-rinviju li għandha taċċerta dan[10].

20. Sejjer inwettaq l-analiżi msemmija iktar 'il fuq f'żewġ partijiet, l-ewwel, fir-rigward tal-projbizzjoni nazzjonali ta' ċerti prattiki kummerċjali (A) qabel ma ndur, it-tieni, għall-kwistjoni tar-reklamar (B).

A. Il-projbizzjoni tal-prattiki kummerċjali inkwistjoni

21. L-Artikoli L. 522-18 u R. 522-16-1 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent jipprojbixxu skontijiet, riduzzjoni tal-prezz, tnaqqis, differenzi bejn kundizzjonijiet ġenerali u dawk speċjali tal-bejgħ, l-għoti ta' unitajiet b'xejn u kwalunkwe prattiki ekwivalenti fil-kuntest tal-bejgħ ta' ċerti prodotti bijoċidali li huma ddefiniti, fl-Anness V tar-RPB (iktar 'il quddiem l-"Anness V"), bħala t-tipi ta' prodott 14 u 18, ħlief għal dawk eliġibbli għall-proċedura ssemplifikata skont l-Artikolu 25 ta' dan ir-regolament.

22. It-tip ta' prodott 14 jikkonċerna r-"rodentiċidi" li huma deskritti fl-Anness V bħala "Prodotti użati għall-kontroll ta' ġrieden, farijiet jew annimali gerriema oħra, b'mezzi oħra li mhumiex dawk li jbiegħduhom jew jattirawhom". It-tip ta' prodott 18 jikkonċerna l-"Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra", deskritti bħala "Prodotti użati għall-kontroll ta' artropodi (eż. insetti, araknidi u krustaċji), b'mezzi oħra li mhumiex dawk li jbiegħduhom jew jattirawhom." It-tipi ta' prodott 14 u 18 it-tnejn li huma jaqgħu taħt il-kategorija iktar wiesgħa intitolata "Grupp Prinċipali 3: Kontroll tal-infestazzjonijiet".

23. Fl-analiżi segwenti, sejjer nikkonkludi li l-projbizzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tiksirx ir-RPB (1). Sejjer nikkonkludi wkoll li l-istess projbizzjoni ma tiksirx id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-merkanzija (2).

1. Kamp ta' applikazzjoni tar-regoli armonizzati

24. Ir-RPB ġie adottat taħt l-Artikolu 114 TFUE, il-bażi ġuridika prinċipali għall-adozzjoni ta' miżuri tad-dritt tal-Unjoni neċessarji għall-istabbiliment u għall-funzjonament tas-suq intern[11]. Għalhekk, dan ir-regolament jarmonizza "[r]-regoli dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni kemm tas-saħħa tal-bniedem kif ukoll tal-annimali u tal-ambjent […]", kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) tiegħu[12]. F'dan is-sens,

[8] Kif iddeċidiet ripetutament il-Qorti tal-Ġustizzja, "meta qasam kien is-suġġett ta' armonizzazzjoni eżawrjenti fil-livell tal-Unjoni, kull miżura nazzjonali relatata miegħu għandha tiġi evalwata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' dik il-miżura ta' armonizzazzjoni u mhux fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju". Sentenza tal-24 ta' Frar 2022, Viva Telecom Bulgaria (C-257/20, EU:C:2022:125, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[9] Sentenza tad-19 ta' Jannar 2017, Queisser Pharma (C-282/15, EU:C:2017:26, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[10] Id-deċiżjoni tar-rinviju tesponi li tqajmu argumenti mir-rikorrenti fil-proċeduri prinċipali dwar id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku. Jiena ser nillimita ruħi biex ninnota li, minħabba li din id-direttiva tinvoka l-prinċipju tal-"pajjiż tal-oriġini", din hija irrilevanti f'din il-kawża peress li r-rikorrenti kollha jidhru li huma kumpanniji Franċiżi. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, Papasavvas (C-291/13, EU:C:2014:2209, punti 34 sa 35).

[11] Ara, pereżempju, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-Kawża It-Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Pubblikati (3/15, EU:C:2016:657, punt 71).

[12] Ara wkoll il-premessa 3 tar-RPB u s-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2021, Biofa, C-29/20, EU:C:2021:843, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

l-Artikolu 1(2) jelenka l-kategoriji ta' regoli previsti minn dan l-istrument. Din il-lista tinkludi, taħt il-punt (d), regoli relatati mat-"tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali fi Stat Membru wieħed jew aktar jew fl-Unjoni".

25. Il-kawża fil-proċeduri prinċipali tirrigwarda l-prodotti bijoċidali u, possibbilment, il-kategorija ta' regoli dwar "it-tqegħid fis-suq u l-użu" hija wiesgħa biżżejjed biex tinkludi regoli li jipprojbixxu ċerti prattiki tal-iffissar tal-prezzijiet. Fil-fatt, l-Artikolu 3(1)(i) jiddefinixxi "tqegħid fis-suq" bħala "kwalunkwe forniment matul attività kummerċjali jew l-użu ta' prodott bijoċidali […] għad-distribuzzjoni, sew jekk bi ħlas kif ukoll jekk b'xejn"

26. Madankollu, l-evalwazzjoni dwar jekk strument tad-dritt tal-Unjoni jġibx miegħu l-armonizzazzjoni eżawrjenti ta' qasam speċifiku għandha ssir mhux billi jittieħdu inkunsiderazzjoni kategoriji ġuridiċi ddefiniti b'mod ġenerali, iżda bl-eżami tal-qasam speċifiku inkwistjoni [13].

27. Dan il-qasam preċiż jikkorrispondi f'dan il-każ għall-projbizzjoni ta' "skontijiet, tnaqqis tal-prezz, tnaqqis, differenzi bejn kundizzjonijiet ġenerali u dawk speċjali tal-bejgħ […], l-għoti ta' unitajiet b'xejn u kwalunkwe prattiki ekwivalenti" fil-kuntest tal-bejgħ ta' ċerti prodotti bijoċidali.

28. Hekk kif il-prattiki kummerċjali rilevanti qegħdin jiġu delimitati b'dan il-mod, nosserva, flimkien mal-Gvernijiet ta' Franza u tal-Pajjiżi l-Baxxi, kif ukoll mill-Kummissjoni, li r-RPB ma jinkludi ebda dispożizzjoni li tikkonċernahom espressament.

29. Kif tosserva l-Kummissjoni, ir-RPB huwa prinċipalment ikkonċernat bl-awtorizzazzjoni tal-prodotti bijoċidali sabiex dawn jitqiegħdu fis-suq u bl-użu tagħhom. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-użu tal-prodotti bijoċidali huma pjuttost limitati u jfakkru prinċipalment li dan l-użu huwa kkundizzjonat mill-awtorizzazzjoni u mir-rekwiżiti ta' ttikkettjar u ppakkjar rispettivi, u għandu josservahom [14].

30. F'dan il-kuntest, id-dispożizzjonijiet li materjalment jiġu l-eqreb għall-każ inkwistjoni għandhom jinsabu fl-Artikoli 69 u 72 tar-RPB li jinkludu, rispettivament, rekwiżiti għall-ippakkjar u t-tikkettjar, minn naħa, u r-reklamar, min-naħa l-oħra. Ninnota li ebda minn dawn id-dispożizzjonijiet ma hija rilevanti għall-projbizzjoni tal-prattiki inkwistjoni [15].

31. Ir-rikorrenti nnifishom ikkonċedew matul is-seduta li r-RPB ma jinkludi ebda dispożizzjoni dwar prattiki tal-iffissar tal-prezzijiet. Huma sostnew, madankollu, li r-regoli nazzjonali inkwistjoni jiddisturbaw il-qafas armonizzat magħmul minn dan ir-regolament u mir-Regolament KII, Huma spjegaw li r-regoli nazzjonali dwar il-prattiki kummerċjali introduċew saff regolatorju ieħor b'kategorizzazzjoni ġdida ta' prodotti, li ma hijiex prevedibbli għall-produtturi peress li ma tippreżenta ebda rabta diretta mar-riskju assoċjat mal-prodott partikolari. B'dan il-mod, ir-regoli nazzjonali inkwistjoni jtellfu, fil-fehma tar-rikorrenti, il-moviment liberu ta' prodotti bijoċidali, u għalhekk ifixklu l-għan imfittex minn dawn ir-regolamenti. Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li r-RPB jillimita l-kamp ta' applikazzjoni

[13] Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukati Ġenerali Bobek f'Lietuvos Respublikos Seimas (C-2/18, EU:C:2019:180, punti 27 sa 29) u Mengozzi f'Monsanto Technology (C-428/08, EU:C:2010:128, punt 47).

[14] Ara l-Artikolu 17(1) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 17(5), jew l-Artikolu 22(1) tar-RPB.

[15] Artikolu 72 tar-RPB sejjer jiġi diskuss fil-Parti B ta' dawn il-konklużjonijiet peress li huwa direttament rilevanti għar-regola nazzjonali inkwistjoni li hija kkonċernata bir-reklamar.

tal-azzjoni tal-Istati Membri għall-politika tal-informazzjoni dwar l-effetti tal-prodotti bijoċidali, meħtieġa mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(5) ta' dak ir-regolament. Fil-fehma tagħhom, tali politika, madankollu, ma tinkludix il-projbizzjoni inkwistjoni.

32. F'dan ir-rigward, u fir-rigward tar-Regolament KII, ninnota li dan l-istrument jarmonizza, essenzjalment, il-kriterji għall-klassifika ta' sustanzi u ta' taħlitiet, u jistabbilixxi r-regoli dwar it-tikkettjar u l-ippakkjar għal sustanzi u taħlitiet perikolużi [16]. Fi kliem ieħor, huwa intiż li jiddetermina "liema proprjetajiet ta' sustanzi u taħlitiet għandhom iwasslu għal klassifikazzjoni bħala perikolużi, biex il-perikli ta' sustanzi u taħlitiet ikunu jistgħu jiġu identifikati u kkomunikati tajjeb" [17] u jiddetermina standards ġenerali ta' ppakkjar sabiex jiżgura l-provvista sigura tagħhom [18].

33. Ir-RPB jagħmel riferiment għar-Regolament KII sabiex jużah bħala l-punt ta' riferiment fil-kuntest tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi u l-awtorizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali [19]. Dan jagħmel riferiment għalih ukoll sabiex jiddefinixxi r-rekwiżiti relatati mat-tikkettjar u mal-ippakkjar tal-prodotti bijoċidali (l-Artikolu 69 tar-RPB) u mar-reklamar tagħhom (l-Artikolu 72 tar-RPB) minħabba li r-Regolament KII jinkludi regoli speċifiċi f'dawn iż-żewġ oqsma li l-applikazzjoni tagħhom hija ppreżervata mir-RPB [20]. Filwaqt li r-Regolament KII għalhekk jikkumplimenta r-RPB f'dan ir-rigward, u filwaqt li dan tal-aħħar jiddikjara li huwa ġeneralment mingħajr preġudizzju għal tal-ewwel [21], ninnota li r-Regolament KII ma jintroduċi ebda regoli oħra rilevanti għall-prattiki kummerċjali inkwistjoni.

34. Rigward it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(5) tar-RPB, invokat ukoll mir-rikorrenti, din id-dispożizzjoni tobbliga lill-Istati Membri jadottaw "miżuri […] sabiex jagħtu lill-pubbliku l-infomazzjoni adatta dwar il-benefiċċji u r-riskji assoċjati mal-prodotti bijoċidali u l-modi ta' kif għandu jitnaqqas l-użu tagħhom." Il-konferma tal-kompetenza tal-Istati Membri li ssegwi minn dan, ma timplikax bħala tali, madankollu, li l-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjoni tal-Istati Membri jkun illimitat għal tali politika ta' informazzjoni.

35. Jista' madankollu jiġi sostnut li, minkejja li l-projbizzjoni inkwistjoni tikkonċerna kwistjoni nominalment differenti mill-politika ta' informazzjoni, dan jiddisturba l-bilanċ regolatorju milħuq mil-leġiżlatur tal-Unjoni bejn, minn naħa, it-tfittxija tat-titjib tas-suq intern għal prodotti bijoċidali u, min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-ambjent? Fi kliem ieħor, jista' jiġi sostnut li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li l-unika mod li permezz tiegħu jista' jiġi kkunsidrat l-użu tal-prodotti bijoċidali, wara t-tqegħid tagħhom fis-suq, ikun permezz tal-politika ta' informazzjoni mwettqa mill-Istati Membri fuq il-bażi tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(5) RPB?

36. Jiena ma naħsibx. Id-dispożizzjoni dwar il-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru relatata mal-politika ta' informazzjoni tikkumplimenta, fi ħdan l-istruttura tal-Artikolu 17 tar-RPB, regoli ġenerali dwar il-possibbiltà li jitqiegħed prodott fis-suq u li jintuża. Din hija integrata fl-Artikolu 17(5) tiegħu li jistabbilixxi, fl-ewwel subparagrafu, l-obbligu tal-użu tal-prodotti bijoċidali skont ir-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni kif ukoll tat-tikkettjar u tal-ippakkjar. It-tieni subparagrafu jispjega li l-"użu korrett" tal-prodotti bijoċidali "għandu jinvolvi l-applikazzjoni

16 Ara l-Artikolu 1 tar-Regolament KII.

17 Premessa 10 tar-Regolament KII.

18 Premessa 51 tar-Regolament KII.

19 Ara l-Artikoli 3(f), 5(1) u (3), 10(1)(b) u 28(2)(a) tar-RPB fir-rigward tal-kwistjoni ta' sustanzi attivi u l-Artikolu 19(4)(b) tiegħu fir-rigward tal-awtorizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali.

20 Ara l-Artikolu 48 tar-Regolament KII dwar ir-reklamar u t-Titoli III sa V tiegħu fir-rigward tat-tikkettjar u tal-ippakkjar.

21 Ara l-Artikolu 2(3)(m) RPB.

razzjonali ta' għaqda fiżika, bijoloġika, kimika jew ta' miżuri oħra skont il-każ, li bihom l-użu tal-prodotti bijoċidali jiġi limitat għall-minimu meħtieġ u jittieħdu l-passi ta' prekawzjoni adatti". Isegwi mbagħad, fit-tielet subparagrafu, l-obbligu tal-Istati Membri li jadottaw miżuri sabiex jinformaw lill-pubbliku bil-benefiċċji u bir-riskji assoċjati mal-użu tal-prodotti bijoċidali u dwar mezzi kif jiġi mminimizzat l-użu tagħhom.

37. It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(5) tar-RPB għalhekk jindirizza l-kwistjoni tal-użu tal-prodotti bijoċidali mhux mill-perspettiva tal-konformità tagħhom ma' diversi rekwiżiti regolatorji (indirizzati fl-Artikolu 17(1) tiegħu), iżda pjuttost minn perspettiva iktar wiesgħa tal-użu sostenibbli tagħhom, kif jidher li huwa kkonfermat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni tar-RPB [22]. Dan id-dokument tal-2021 jippreżenta, taħt il-kapitolu "Użu sostenibbli" [traduzzjoni mhux uffiċjali], miżuri meħuda mill-Istati Membri filwaqt li jirrikonoxxi li d-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi [23] ma tapplikax għall-prodotti bijoċidali u li l-"utilità ta' tali estensjoni sejra tiġi kkunsidrata fil-kuntest ta' evalwazzjoni futura tar-RPB" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [24].

38. Ninnota li t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(5) tar-RPB jikkorrispondi, b'mod ġenerali ħafna, mal-Artikolu 7 dwar "Informazzjoni u sensibilizzazzjoni" tad-Direttiva dwar użu sostenibbli tal-pestiċidi. Madankollu, dik id-direttiva tinkludi wkoll regoli dwar pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali, it-taħriġ ta' utenti professjonali, distributuri u konsulenti (inkluż sistema ta' ċertifikazzjoni), rekwiżiti għall-bejgħ u regoli dwar prattiki speċifiċi.

39. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl tan-numru limitat ħafna u tal-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-RPB dwar il-mezzi sabiex jiġi żgurat l-użu sostenibbli tal-prodotti bijoċidali meta dawn il-prodotti jkunu tqiegħdu fis-suq, insibha diffiċli li nikkonkludi li l-kompetenza tal-Istati Membri f'dan il-qasam kienet is-suġġett ta' prelazzjoni.

40. Għaldaqstant nikkonkludi li r-RPB ma jipprekludix il-projbizzjoni inkwistjoni. Din madankollu tibqa' suġġetta, fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li jinvolvu element transkonfinali u b'kunsiderazzjoni tal-elementi speċifiċi ta' din il-kawża [25], għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-merkanzija, li sejjer nindirizza issa.

2. Limiti li jirriżultaw mill-Artikoli 34 u 36 TFUE

41. F'din it-taqsima, sejjer nistabbilixxi r-raġunijiet li wassluni biex nikkonkludi li l-projbizzjoni tal-prattiki kummerċjali inkwistjoni ma hijiex prekluża mill-Artikolu 34 TFUE (a). Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi kuntrarjament, sejjer noffri r-raġunijiet għalfejn din il-projbizzjoni hija, fil-fehma tiegħi, fi kwalunkwe każ iġġustifikata.

[22] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja d-dokument Rapport tal-Kummissjoni għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, SWD/2021/128 finali, p. 60 sa 61.

[23] ĠU 2009, L 309, p. 71, rettifika fil-ĠU 2010, L 161, p. 11.

[24] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni kkwotat fin-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 22 iktar 'il fuq, punt 59. L-Artikolu 18 tar-RPB jipprevedi "jekk ikun il-każ", is-sottomissjoni ta' proposta mill-Kummissjoni rigward il-miżuri intiżi għall-użu sostenibbli tal-prodotti bijoċidali.

[25] Ara iktar 'il fuq il-kummenti tiegħi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10.

a) Il-projbizzjoni ma hijiex prekluża mill-Artikolu 34 TFUE

42. Bil-projbizzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet bejn l-Istati Membri u kull miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal dawn ir-restrizzjonijiet, l-Artikolu 34 TFUE jesprimi prinċipju fundamentali li jiżgura l-moviment liberu tal-prodotti fi ħdan l-Unjoni [26].

43. Skont il-formulazzjoni stabbilita sew, il-miżuri kollha ta' Stat Membru li, direttament jew indirettament, attwalment jew potenzjalment, jistgħu jfixklu l-kummerċ fi ħdan l-Unjoni għandhom jitqiesu bħala miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fis-sens ta' din id-dispożizzjoni [27]. Din il-formulazzjoni ġiet aġġustata skont il-ġurisprudenza introdotta f'Keck u Mithouard. Minn din il-ġurisprudenza jsegwi li miżura nazzjonali ma hijiex koperta mill-Artikolu 34 TFUE meta tikkostitwixxi modalità ta' bejgħ li tapplika "għan-negozjanti kollha li joperaw fit-territorju nazzjonali" u meta "[taffettwa] bl-istess mod, bid-dritt u bil-fatt, il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti nazzjonali u ta' dawk minn Stati Membri oħra" [28].

44. Fil-ġurisprudenza sussegwenti, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara li l-kunċett ta' "modalità ta' bejgħ" japplika għal restrizzjonijiet jew għal projbizzjonijiet li ma jikkonċernawx il-karatteristiċi tal-prodotti iżda li jikkonċernaw biss il-modalitajiet li bihom dawn jistgħu jiġu rreklamati [29].

45. Ninnota li l-projbizzjoni inkwistjoni ma hijiex relatata mar-rekwiżiti applikabbli għall-prodotti bijoċidali iżda tipprevjeni ċerti metodi ta' promozzjoni tal-bejgħ tagħhom. Għal din ir-raġuni, hija għandha titqies, fil-fehma tiegħi, li hija relatata ma' "modalità ta' bejgħ", fis-sens ta' din il-ġurisprudenza.

46. Rigward il-kwistjoni dwar jekk tosservax ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 43 iktar 'il fuq, ninnota, l-ewwel, li l-projbizzjoni espressa fl-Artikoli L. 522-18 u R. 522-16-1 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent tapplika għall-operaturi ekonomiċi rilevanti kollha li joperaw fi ħdan it-territorju nazzjonali, indipendentement min-nazzjonalità tagħhom. Għaldaqstant, ma hijiex formalment diskriminatorja.

47. It-tieni, dwar jekk tali projbizzjoni taffettwax iktar il-kummerċjalizzazzjoni ta' insettiċidi u rodentiċidi minn Stati Membri oħra milli dawk domestiċi, il-Gvern Franċiż isostni li dan ma huwiex il-każ. Fis-seduta dan spjega li l-projbizzjoni ma tinvolvi ebda spejjeż oħra għall-operaturi stabbiliti fi Stati Membri oħra li jixtiequ joffru l-prodotti bijoċidali tagħhom fi Franza. Dan il-gvern żied ukoll li l-projbizzjoni inkwistjoni ma tikkonċernax il-metodi kollha ta' kummerċjalizzazzjoni.

[26] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, DocMorris (C-190/20, EU:C:2021:609, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata) (iktar 'il quddiem "is-sentenza fil-Kawża DocMorris").

[27] Sentenza tal-11 ta' Lulju 1974, Dassonville (8/74, EU:C:1974:82, punt 5). Għal dikjarazzjoni iktar reċenti ara, pereżempju, is-sentenza fil-Kawża DocMorris, punt 34.

[28] Sentenza tal-24 ta' Novembru 1993, Keck u Mithouard (C-267/91 u C-268/91, EU:C:1993:905, punt 16, iktar 'il quddiem "is-sentenza fil-Kawża Keck u Mithouard"). Minkejja li l-istatus ta' dan it-test ġie diskuss, ir-rilevanza tiegħu ġiet ikkonfermata, pereżempju, fis-sentenza fil-Kawża DocMorris, punt 35. Għal diskussjoni ara, pereżempju, Schütze, R., "Of types and tests: towards a unitary doctrinal framework for Article 34 TFEU?", *European Law Review*, Vol. 41(6), 2016, p. 826; Lianos, I., "In Memoriam Keck: The Reformation of the EU Law on the Free Movement of Goods", *European Law Review*, Vol. 40(2), 2015, p. 225; u Purnhagen, K.P., "Keck is dead, long live Keck? How the court of justice tries to avoid a Sunday Trading Saga 2.0", *Liber Amicorum L.W. Gormley*, 2019, p. 176).

[29] Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-21 ta' Settembru 2016, Etablissements Fr. Colruyt (C-221/15, EU:C:2016:704, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata) (iktar 'il quddiem "is-sentenza fil-Kawża Etablissements Fr. Colruyt"); tal-25 ta' Marzu 2004, *Karner* (C-71/02, EU:C:2004:181, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata) (iktar 'il quddiem "is-sentenza fil-Kawża Karner"); u tat-2 ta' Diċembru 2010, Ker-Optika (C-108/09, EU:C:2010:725, punt 45) (iktar 'il quddiem "is-sentenza fil-Kawża Ker-Optika").

48. Il-Kummissjoni hija tal-fehma opposta u tqis li l-projbizzjoni tillimita waħda mill-għodod disponibbli għall-operaturi ekonomiċi sabiex jagħmlu lilhom innifishom magħrufa fis-suq Franċiż. Hija għalhekk iktar tista' taffettwa l-prodotti minn Stati Membri oħra milli dawk nazzjonali.

49. Ir-rikorrenti adottaw, fis-seduta u essenzjalment, l-istess pożizzjoni [30].

50. Jiena naqbel mal-Gvern Franċiż.

51. Minkejja li l-Kummissjoni għandha raġun li l-possibbiltà li tikkompeti permezz tal-prezzijiet tal-prodotti hija għodda importanti għad-disponibbiltà tal-operaturi ekonomiċi, ma jsegwix li kull restrizzjoni f'dan ir-rigward awtomatikament sejra titqies li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34 TFUE. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, f'dan ir-rigward, hija kkomplikata.

52. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset regoli li eskludew il-libertà tal-operaturi ekonomiċi li jinfluwenzaw il-prezzijiet minimi [31] jew li jinfluwenzawhom b'xi mod [32], bħala li jaqgħu taħt il-projbizzjoni espressa fl-Artikolu 34 TFUE. B'kuntrast, fis-sentenza fil-Kawża Etablissements Fr. Colruyt, kawża kkonċernata b'regola li tipprojbixxi lill-bejjiegħa bl-imnut milli jbigħu prodotti tat-tabakk bi prezz ta' bejgħ bl-imnut iktar baxx mill-prezz indikat mill-produttur jew mill-importatur, il-Qorti tal-Ġustizzja invokat il-fatt li l-importaturi baqgħu liberi li jistabbilixxu dan il-prezz sabiex tikkonkludi li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni taqa' 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34 TFUE [33].

53. Jiena tal-fehma li, bħalma ġie deċiż f'dik il-kawża, f'din il-kawża wkoll, huwa importanti li l-operaturi ekonomiċi jibqgħu liberi li jistabbilixxu l-prezzijiet. Huma għalhekk jistgħu jikkompetu f'dan il-livell, billi jistgħu jiddeċiedu li l-prezz tal-prodotti tagħhom (mingħajr ebda promozzjoni) huwa ogħla jew iktar baxx.

54. Barra minn hekk, lil hinn mill-ġurisprudenza kkonċernata bil-metodi tal-prezzijiet, f'linja ta' ġurisprudenza li tinkludi s-sentenzi fil-Kawżi *Ker-Optika*, *Deutsche Parkinson Vereinigung* u *A*, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat il-problema tal-aċċess għas-suq li l-miżura nazzjonali inkwistjoni (li essenzjalment tipprojbixxi ċerti aspetti ta' kummerċjalizzazzjoni fuq l-internet) għamlet partikolarment diffiċli jekk mhux impossibbli [34].

55. Dan, madankollu, ma jidhirx li huwa l-każ hawn.

[30] Huma għamlu dan fuq bażi sussidjarja u bħala tweġiba għall-mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, billi l-argument prinċipali tagħhom kien li l-projbizzjoni tikser ir-RPB.

[31] Sentenza tat-23 ta' Diċembru 2015, Scotch Whisky Association *et* (C-333/14, EU:C:2015:845, punt 32).

[32] Sentenza tad-19 ta' Ottubru 2016, Deutsche Parkinson Vereinigung (C-148/15, EU:C:2016:776, punt 26, iktar 'il quddiem "is-sentenza fil-Kawża Deutsch Parkinson Vereinigung").

[33] Is-sentenza fil-Kawża Etablissements Fr. Colruyt, punti 38 sa 40.

[34] Rispettivament, is-sentenza fil-Kawża Ker-Optika, punt 54; is-sentenza fil-Kawża Deutsche Parkinson Vereinigung, punt 25 u s-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2020, A (Reklamar ta' bejgħ ta' prodotti mediċinali online) (C-649/18, EU:C:2020:764, punt 76). F'din l-aħħar sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat il-miżura inkwistjoni skont id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku. B'kuntrast, l-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe eżaminaha fid-dawl tal-Artikoli 34 u 36 TFUE; ara l-konklużjonijiet tiegħu f'A (Reklamar ta' bejgħ ta' prodotti mediċinali online) (C-649/18, EU:C:2020:134, punti 44 sa 49 u 69 *et seq.*) (iktar 'il quddiem il-"konklużjonijiet f'A") Ara wkoll is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2003, Deutscher Apothekerverband (C-322/01, EU:C:2003:664, punti 74 sa 76).

56. Ir-rikorrenti ddikjaraw fis-seduta li jikkummerċjalizzaw prodotti bijoċidali li s-sustanzi attivi tagħhom huma żjut essenzjali. Huma spjegaw li dawn il-prodotti joffru alternattiva għall-prodotti bijoċidali ta' sinteżi kimika tradizzjonali minħabba li għandhom impatt ambjentali inqas. Ir-rikorrenti spjegaw ukoll li huma atturi tas-suq f'minoranza u li għalhekk jiddependu fuq il-prattiki kummerċjali (u fuq ir-reklamar) li jagħmluhielhom possibbli jiksbu l-viżibbiltà.

57. Filwaqt li nammetti li jista' jkun iktar diffiċli li jiġi introdott prodott li huwa alternattiv għal wieħed tradizzjonali, din jidher li hija problema inerenti li jaffaċċjaw kemm il-prodotti "alternattivi" barranin u anki dawk domestiċi. Jiena tal-fehma li dak li jgħodd f'din il-kawża huwa jekk il-projbizzjoni inkwistjoni tfixkilx b'mod sinjifikattiv l-aċċess għas-suq Franċiż għal dawk il-prodotti li huma probabbilment alternattivi.

58. Jiena ma naħsibx li tagħmel dan.

59. Naturalment, u bħalma osserva l-Gvern Franċiż, ma jistax jiġi eskluż li l-projbizzjoni nazzjonali inkwistjoni tirrestrinġi l-volum tal-bejgħ, fi Franza, ta' prodotti li joriġinaw minn Stati Membri oħra, minħabba li "ċċaħħad lin-negozjanti minn mezz ta' promozzjoni tal-bejgħ" [35].

60. Madankollu, dak li nqis rilevanti f'dan il-punt huwa li, filwaqt li l-projbizzjoni inkwistjoni tirrestrinġi ċerti metodi ta' promozzjoni tal-bejgħ, l-operaturi ekonomiċi xorta huma liberi li jistabbilixxu l-prezzijiet "sħaħ" tal-insettiċidi u tar-rodentiċidi, kif diġà nnotajt, u jibqgħu liberi li jikkumerċjalizzawhom fil-postijiet li jidhrilhom xieraq, kemm jekk fuq l-internet jew fi ħwienet tradizzjonali.

61. Fi kliem ieħor, ma nara xejn fil-leġiżlazzjoni inkwistjoni li jippermetti l-konklużjoni li l-projbizzjoni ta' skontijiet, riduzzjoni tal-prezz, tnaqqis, differenzi bejn kundizzjonijiet ġenerali u dawk speċjali tal-bejgħ jew l-għoti ta' unitajiet b'xejn iċċaħħad lill-operaturi ekonomiċi minn mezz ta' kummerċjalizzazzjoni li effettivament tipprekludihom mill-possibbiltà li jikkompetu effettivament mal-prodotti lokali, jew li tagħmel din il-kompetizzjoni partikolarment diffiċli għalihom, b'mod li jista' jiġi pparagunat mal-projbizzjoni tal-bejgħ permezz tal-internet jew l-impożizzjoni ta' prezzijiet fissi jew minimi.

62. Madankollu, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx ma' din l-analiżi u tikkonkludi li l-projbizzjoni nazzjonali inkwistjoni hija koperta mill-Artikolu 34 TFUE, jiena noffri r-raġunijiet segwenti li, fil-fehma tiegħi, jiġġustifikawha.

b) Il-projbizzjoni inkwistjoni hija fi kwalunkwe każ iġġustifikata

63. Skont ġurisprudenza stabbilita, ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija jista' jiġi ġġustifikat minħabba raġunijiet ta' interess ġenerali msemmija fl-Artikolu 36 TFUE jew minn raġunijiet imperattivi fl-interess pubbliku [36].

64. Id-deċiżjoni tar-rinviju tispjega li l-projbizzjoni inkwistjoni hija intiża li tipproteġi s-saħħa pubblika u l-ambjent [37].

[35] Kif ġie deċiż fir-rigward tal-projbizzjoni tal-bejgħ mill-ġdid b'telf fis-sentenza fil-Kawża Keck u Mithouard, punt 13.

[36] Is-sentenza fil-Kawża Ker-Optika, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[37] Infakkar li l-Artikolu L. 522-18 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent jipprevedi li "[…] Il-Conseil d'État [il-Kunsill tal-Istat] għandu jiddefinixxi b'digriet il-kategoriji ta' prodotti kkonċernati b'riferiment għar-riskji li jinvolvu għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent."

65. L-ewwel ġustifikazzjoni tikkorrispondi għal tħassib dwar is-saħħa pubblika rrikonoxxut fl-Artikolu 36 TFUE. Bħalma l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament, "s-saħħa u l-ħajja tal-persuni jokkupaw l-ewwel post fost il-beni u l-interessi protetti mit-Trattat u li huma l-Istati Membri li għandhom jiddeterminaw il-livell ta' protezzjoni li huma jixtiequ jagħtu lis-saħħa pubblika kif ukoll il-mod li bih dan il-livell għandu jintlaħaq. Peress li dan il-livell jista' jvarja minn Stat Membru għal ieħor, għandu jiġi rrikonoxxut marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri" [38].

66. It-tieni, fir-rigward tal-ambjent, il-protezzjoni tiegħu ġiet irrikonoxxuta fil-ġurisprudenza bħala raġuni imperattiva fl-interess pubbliku [39].

67. Ninnota li, sa fejn din il-projbizzjoni inkwistjoni timmira li tillimita l-użu ta' prodotti li "jistgħu joħolqu riskji għall-bnedmin, l-annimali u l-ambjent minħabba l-proprjetajiet intrinsiċi tagħhom u l-modi ta' użu assoċjati magħhom" [40], dawn l-għanijiet jistgħu jiġġustifikaw ir-restrizzjoni fuq il-kummerċ li din tinvolvi.

68. Sabiex ir-restrizzjoni tkun iġġustifikata, din għandha, madankollu, tissodisfa l-eżami tal-proporzjonalità. Jiġifieri, din għandha tkun xierqa sabiex tilħaq l-għanijiet imfittxija u ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Fi kliem ieħor, li ma hemmx miżura inqas restrittiva għall-moviment liberu tal-merkanzija li tista' tiġi applikata biex jintlaħaq l-istess għan [41].

69. Fir-rigward ta' kemm hija xierqa, il-projbizzjoni inkwistjoni probabbilment ma teliminax l-istanzi kollha ta' użu mhux neċessarju ta' insettiċidi u ta' rodentiċidi (sempliċiment minħabba li ma jistax jiġi eskluż l-użu mhux neċessarju ta' dawn il-prodotti mixtrija bil-prezz sħiħ). Madankollu, fil-fehma tiegħi, jista' jkun mistenni b'mod raġonevoli li n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' vantaġġ finanzjarju fix-xiri tagħhom sejjer inaqqas dan ir-riskju sa ċertu punt minħabba li jiskoraġġixxi x-xiri mhux neċessarju (li mbagħad jista' jwassal għal użu mhux neċessarju).

70. Dwar il-ħtieġa, il-Kummissjoni ssuġġerixxiet fis-seduta, bi tweġiba għall-mistoqsija magħmula lilha mill-Qorti tal-Ġustizzja, li miżuri inqas restrittivi jistgħu jiġu applikati permezz tar-reklamar jew jekk il-bejjiegħa jiġu obbligati jipprovdu informazzjoni dwar ir-riskji assoċjati.

71. Jiena mhux konvint minn dawn is-suġġerimenti.

72. Dwar l-ewwel għażla, fil-parti rilevanti tal-eċċezzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni topponi l-kompatibbiltà mar-RPB tad-dikjarazzjoni addizzjonali li r-regolatur Franċiż impona bħala parti mandatorja tar-reklamar kollu għal dawn il-prodotti. Din id-dikjarazzjoni addizzjonali, essenzjalment, titlob li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-riskji u hija diskussa fid-dettall fil-Parti B tat-Taqsima IV ta' dawn il-konklużjonijiet. Jiena naqbel mal-Kummissjoni li din id-dikjarazzjoni addizzjonali hija inkompatibbli mal-armonizzazzjoni eżawrjenti li r-RPB kiseb fuq din il-kwistjoni partikolari. Madankollu, il-provvista ta' iktar informazzjoni dwar ir-riskji tal-prodotti rreklamati, bħala parti mir-reklam, ma tistax titqies bħala alternattiva inqas restrittiva għall-projbizzjoni inkwistjoni.

[38] Is-sentenza fil-Kawża Deutsche Parkinson Vereinigung, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[39] Ara, pereżempju, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Capoda Import-Export (C-354/14, EU:C:2015:658, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[40] Premessa 1 tar-RPB.

[41] Ara, pereżempju, is-sentenza fil-Kawża Ker-Optika, punt 65.

73. Dwar it-tieni suġġeriment, jiena tal-fehma li sabiex tali komunikazzjoni ta' informazzjoni mill-bejjiegħ tkun ta' valur u effettiva daqs l-assenza ta' vantaġġ finanzjarju, ikollha tkun ibbażata fuq ċertu livell ta' kompetenza, li preżumibbilment għandha tinkiseb permezz tat-taħriġ. Dan, flimkien ma' modalitajiet tax-xenarju kkunsidrat li mill-bqija ma humiex ċari, jagħmilha impossibbli, fil-fehma tiegħi, li din l-għażla titqies bħala inqas oneruża [42].

74. Il-Kummissjoni nnifisha kkonċediet li dawn l-alternattivi ssuġġeriti jistgħu ma jkunux biżżejjed sabiex jiksbu l-għanijiet iddikjarati u jistgħu jwasslu għal messaġġi kontradittorji. Fil-fatt, naqbel li bejjiegħ li jinforma lill-klijenti dwar ir-riskji inerenti tal-prodotti li joffri, filwaqt li jissuġġerixxi skont sostanzjali u jipprovdi diversi kampjuni b'xejn ta' insettiċida, ma huwiex approċċ konsistenti.

75. Finalment, jista' jiġi sostnut li mezz inqas oneruż sabiex jiġi evitat l-użu mhux neċessarju ta' prodotti bijoċidali jista' jinkiseb permezz ta' kampanja ta' informazzjoni bbażata fuq il-kompetenza tal-Istati Membri rriżervata fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(5) tar-RPB [43]. F'dan ir-rigward, nammetti li huwa pjuttost diffiċli għall-Qorti tal-Ġustizzja li tevalwa fl-astratt il-possibbiltà tas-sostitwibbiltà ta' żewġ politiki differenti f'termini tal-effetti tagħhom. Fil-fehma tiegħi, l-ambizzjoni edukattiva mfittxija minn kampanja ta' informazzjoni pubblika teħtieġ, min-natura tagħha, ċertu żmien, sabiex tibdel l-imħuħ u l-aġir. F'dan ir-rigward, nista' nifhem li tista' ma titqiesx xierqa biex tindirizza problema meqjusa akuta. Barra minn hekk, il-perspettiva ta' vantaġġ finanzjarju immedjatament disponibbli tista' sempliċiment tirbaħ fuq l-isforzi edukattivi u ma huwiex irraġonevoli li jitqies li t-tneħħija ta' dan il-vantaġġ finanzjarju hija neċessarja sabiex l-għan iddikjarat ikun jista' jiġi sensibbilment imfittex.

76. Barra minn hekk, mill-Artikolu R-522-16-1 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent isegwi li l-projbizzjoni ma tapplikax meta l-insettiċida jew ir-rodentiċida inkwistjoni jkunu eliġibbli għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni ssemplifikata skont l-Artikolu 25 tar-RPB. Din il-proċedura tikkonċerna, ġeneralment, il-prodotti bijoċidali li jippreżentaw riskju baxx għas-saħħa pubblika u għall-ambjent [44]. Dan juri, fil-fehma tiegħi, li r-regolatur Franċiż fittex li jevita regolazzjoni żejda li taffettwa prodotti li ma jitqisux bħala partikolarment perikolużi u li għalhekk ma tkunx neċessarja.

77. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi, kuntrarjament għas-suġġeriment tiegħi iktar 'il fuq, li l-projbizzjoni inkwistjoni taqa' taħt l-Artikolu 34 TFUE, inqis li din hija ġġustifikata mill-għan tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-ambjent, hija xierqa sabiex tikseb dawn l-għanijiet u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu.

B. Ir-regoli nazzjonali dwar ir-reklamar

78. L-Artikoli L. 522-5-3 u R. 522-16-2 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent jipprojbixxu r-reklamar għal erba' kategoriji ta' prodotti bijoċidali meta dan ir-reklamar ikun indirizzat lill-pubbliku ġenerali. Ir-reklamar għal dawn il-prodotti jibqa' possibbli meta jkun indirizzat lil professjonisti, fil-post fejn il-prodotti jiġu ddistribwiti lilhom u f'pubblikazzjonijiet indirizzati lilhom. Madankollu,

[42] Għal paragun, ara r-regoli dwar it-taħriġ tal-"utenti professjonali, id-distributuri u l-konsulenti" fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi.

[43] Ara l-punt 34 iktar 'il fuq.

[44] Ara l-premessi 29 u 30 tar-RPB.

ir-reklamar imbagħad għandu jinkludi dikjarazzjoni speċifika li, essenzjalment, issejjaħ sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni jekk l-użu ta' dawn il-prodotti bijoċidali huwiex assolutament neċessarju.

79. Dawn ir-regoli jikkonċernaw it-tipi ta' prodotti 14 u 18 (li huma kkonċernati wkoll bil-projbizzjoni ta' ċerti prattiki kummerċjali diskussi fil-parti A tat-Taqsima IV ta' dawn il-konklużjonijiet) u t-tipi ta' prodotti 2[45] u 4[46], żewġ subkategoriji ta' diżinfettanti, li huma kklassifikati, skont ir-Regolament KII, bħala perikoluży għall-ambjent akkwatiku, kategorija 1: kategorija akuta 1 (H400) u kategorija kronika 1 (H410). Għandu jingħad ukoll li r-regoli nazzjonali dwar ir-reklamar ma japplikawx meta l-prodott ikkonċernat huwa eliġibbli għall-proċedura ssimplifikata skont l-Artikolu 25 tar-RPB, li, kif diġà ntqal, japplika għal prodotti li jippreżentaw riskju baxx għas-saħħa pubblika u għall-ambjent[47].

80. B'mod simili għal dak li ġie osservat iktar 'il fuq[48], l-evalwazzjoni tar-regoli inkwistjoni għandha tibda bl-eżami tal-livell ta' armonizzazzjoni milħuq mir-RPB u jkun biss wara li tipproċedi, jekk ikun neċessarju, bl-eżami tal-Artikoli 34 u 36 TFUE. Għal dan l-għan, sejjer l-ewwel indur għall-obbligu li tintuża, fir-reklamar indirizzat lil professjonisti, dikjarazzjoni speċifika (1). Wara sejjer neżamina l-projbizzjoni tar-reklamar indirizzat lill-pubbliku ġenerali (2).

1. L-użu mandatorju ta' dikjarazzjoni addizzjonali

81. Mill-paragrafu II tal-Artikolu R. 522-16-2 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent isegwi li r-reklamar indirizzat lil professjonisti li jikkonċerna r-rodentiċidi, l-insettiċidi u ċerti diżinfettanti għandu jkollu d-dikjarazzjoni segwenti: "Qabel kull użu, ivverifika jekk l-użu ta' dan il-prodott huwiex assolutament neċessarju, speċjalment f'żoni li għandu aċċess għalihom il-pubbliku ġenerali. Sa fejn huwa possibbli, uża metodi u prodotti alternattivi li jippreżentaw l-inqas riskju għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali kif ukoll għall-ambjent."

82. Isegwi wkoll minn din id-dispożizzjoni li din id-dikjarazzjoni għandha tintuża *apparti* dik li l-użu tagħha huwa meħtieġ mill-Artikolu 72(1) tar-RPB li skontha kwalunkwe reklamar għal prodotti bijoċidali għandu jinkludi s-sentenzi: "Uża s-sustanzi bijoċidali b'mod sikur. Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah."

83. Ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-użu tad-dikjarazzjoni addizzjonali jikser l-Artikolu 72 tar-RPB minħabba li dan l-artikolu jwettaq armonizzazzjoni eżawrjenti tar-reklamar tal-prodotti bijoċidali.

84. Il-Kummissjoni għandha fehma simili filwaqt li l-Gvernijiet ta' Franza, tal-Italja u tal-Pajjiżi l-Baxxi għandhom fehma opposta.

[45] Kif previst fl-Anness V, dan it-tip ta' prodott jikkonċerna "Diżinfettanti u alkaċidi li ma humiex maħsuba għall-applikazzjoni diretta fuq il-bnedmin jew l-annimali"

[46] Kif previst fl-Anness V, dan it-tip ta' prodott jikkonċerna "Żoni tal-ikel u tal-għalf".

[47] Ara l-punt 76 iktar 'il fuq u l-Artikolu R. 522-16-2 (III) tal-Kodiċi dwar l-Ambjent.

[48] Ara l-punt 19 iktar 'il fuq.

85. Sabiex jiġi ddeterminat jekk l-armonizzazzjoni miksuba fid-dispożizzjonijiet relatati mar-reklamar tar-RPB hijiex eżawrjenti, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħhom, iżda wkoll il-kuntest tagħhom u l-għanijiet li tfittex li tilħaq il-leġiżlazzjoni li huma jagħmlu parti minnha [49].

86. Nibda billi ninnota li l-Artikolu 72 tar-RPB huwa l-unika dispożizzjoni tar-RPB relatata mar-reklamar u tikkonċerna aspett pjuttost ristrett tal-kontenut tar-reklamar. Madankollu, il-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-regoli dwar ir-reklamar tar-RPB huwa pjuttost limitat meta mqabbel (mas-sistema ta' reklamar eżawrjenti) tad-Direttiva 2001/83/KE [50], imsemmija mill-Gvern Franċiż biex jikkuntrastaha ma' dik id-direttiva, ma jeskludix minnu nnifsu n-natura eżawrjenti tagħhom. Li huwa importanti, fil-fehma tiegħi, ma huwiex jekk il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli eżaminati huwiex (komparattivament) ristrett jew wiesa', iżda pjuttost il-livell ta' dettall li jilħqu dawn ir-regoli fir-rigward tal-kwistjoni speċifika (u potenzjalment ristretta) li jirregolaw [51].

87. L-Artikolu 72 tar-RPB jikkonċerna d-dikjarazzjonijiet li għandhom jintużaw jew li huma, bil-maqlub, ipprojbiti, fir-reklamar għal prodotti bijoċidali.

88. L-ewwel paragrafu tiegħu li jobbliga l-użu ta' dawn iż-żewġ sentenzi msemmija iktar 'il fuq, jobbliga li dawn għandhom ikunu "jingħarfu b'mod ċar u li jinqraw b'relazzjoni għar-reklam kollu". It-tieni paragrafu tiegħu jagħmilha possibbli li l-kelma "sustanzi bijoċidali" fihom tinbidel "b'referenza ċara għat-tip ta' prodott li jkun qiegħed jiġi rreklamat."

89. It-tielet paragrafu tiegħu jipprojbixxi reklami li huma "[qarrieqa] fir-rigward tar-riskji mill-prodott għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew tal-effikaċja tiegħu" u jelenka wkoll il-frażijiet li l-użu tagħhom huwa pprojbit "[f]i kwalunkwe każ" [52].

90. Fid-dawl ta' dan, ir-regoli tal-Artikolu 72 tar-RPB jidher li huma pjuttost iddettaljati fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet dwar ir-riskji assoċjati mal-użu ta' prodotti bijoċidali. F'dan ir-rigward jidher li huwa paragunabbli għal, jekk mhux iktar iddettaljat minn, ir-regoli eżawrjenti dwar ir-reklamar tad-Direttiva 2001/83 [53], imsemmija mill-Gvern Franċiż. Fil-fatt, l-Artikolu 87(3) ta' din id-direttiva jipprevedi li r-reklamar ta' prodott mediċinali għandu jinkoraġġixxi l-użu razzjonali tiegħu, billi jippreżentah oġġettivament u mingħajr eżaġerazzjoni tal-proprjetajiet tiegħu, u ma għandux ikun qarrieqi. Ir-regola fl-Artikolu 72 tar-RPB hija simili iżda fil-fatt iktar iddettaljata billi tistabbilixxi dikjarazzjoni speċifika li għandha tkun integrata fir-reklamar dwar l-użu sigur tal-prodott u tidderieġi lill-utent għat-tikketta u għall-informazzjoni tal-prodott. Hija wkoll iktar iddettaljata fl-indikazzjoni ta' liema dikjarazzjonijiet huma pprojbiti bħala qarrieqa.

91. Huwa minnu li d-dikjarazzjoni addizzjonali meħtieġa mir-regoli nazzjonali inkwistjoni jidher li ssegwi l-istess għan bħall-Artikolu 72 tar-RPB fis-sens li tipproteġi s-saħħa pubblika u l-ambjent. Bħala tali, ma jidhirx li hemm xi kunflitt. Dan, madankollu, ma jaffettwax l-analiżi preċedenti

[49] Ara, f'dan is-sens, pereżempju, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, UNIC and Uni.co.pel (C-95/14, EU:C:2015:492, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[50] Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69). Għall-konferma tan-natura eżawrjenti tar-regoli dwar ir-reklamar inklużi f'din id-direttiva, ara s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2007, Gintec (C-374/05, EU:C:2007:654, punti 33 u 34).

[51] Ara wkoll il-punt 26 iktar 'il fuq.

[52] Dawn l-espressjonijiet huma "prodott bijoċidali ta' riskju baxx", "mhux tossiku", "mhux ta' ħsara", "naturali", "favur l-ambjent", "favur l-annimali" jew kwalunkwe indikazzjoni simili.

[53] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 50 iktar 'il fuq.

tiegħi minħabba li, fir-rigward tal-kwistjoni ta' kontenut tar-reklami li jkun relatat mas-sigurtà, l-Artikolu 72 tar-RPB juri li l-leġiżlatur tal-Unjoni laħaq bilanċ speċifiku bejn l-elementi differenti inkwistjoni li, f'din il-kawża, huma "li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern", bl-għan parallel ta' "livell għoli ta' protezzjoni kemm tas-saħħa tal-bniedem kif ukoll tal-annimali u tal-ambjent"[54]. Inqis li, bl-impożizzjoni ta' rekwiżit regolatorju ieħor, ir-regoli nazzjonali inkwistjoni jiddisturbaw dan il-bilanċ.

92. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiena tal-fehma li l-qasam tar-reklamar, fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet relatati mar-riskji tal-prodotti bijoċidali rreklamati, kien is-suġġett ta' prelazzjoni mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

2. Projbizzjoni tar-reklamar indirizzat lill-pubbliku ġenerali

a) Kamp ta' applikazzjoni tar-regoli armonizzati

93. Il-konklużjoni tiegħi dwar l-armonizzazzjoni eżawrjenti ta' regoli stabbiliti fl-Artikolu 72 tar-RPB ma tfissirx, madankollu, li l-aspetti kollha tar-reklamar ta' prodotti bijoċidali ġew armonizzati minn dan l-istrument, inkluż il-kwistjoni dwar jekk l-Istati Membri jżommux il-kompetenza li jipprojbixxu ċertu reklamar.

94. Dwar dan l-aħħar punt, il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni – li tistabbilixxi d-dikjarazzjonijiet mandatorji u pprojbiti relatati mal-użu sigur, u mar-riskji li jippreżentaw il-prodotti bijoċidali – fil-fehma tiegħi ma tippermettix il-konklużjoni li l-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeċiedu li jipprojbixxu r-reklamar kienet is-suġġett ta' prelazzjoni.

95. Huwa minnu li wieħed jista' jsostni li l-eżistenza ta' din id-dispożizzjoni speċifika dwar dikjarazzjonijiet mandatorji u pprojbiti fir-reklamar ta' prodotti bijoċidali timplika li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li r-reklamar ta' dawn il-prodotti jkun possibbli u li leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi ċerti aspetti tar-reklamar tfixkel l-effett utli tal-Artikolu 72 tar-RPB peress li, fejn ma hemmx reklamar, din id-dispożizzjoni ssir mingħajr skop.

96. Rigward il-kuntest leġiżlattiv, nerġa' nfakkar li l-Artikolu 72 tar-RPB huwa l-unika dispożizzjoni ta' dan ir-regolament dwar il-kwistjoni[55].

97. L-inklużjoni tal-Artikolu 72 waħdu fi ħdan ir-RPB tikkuntrasta mal-għażla magħmula fid-Direttiva 2001/83 li t-Titolu VIII tagħha huwa espressament iddedikat għar-reklamar, u jinkludi diversi dispożizzjonijiet (l-Artikoli 86 sa 100) li jiddeskrivu fid-dettall sitwazzjonijiet li fihom l-Istati Membri għandhom jew jistgħu jipprojbixxu r-reklamar ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew meta r-reklamar jista' jkun awtorizzat[56].

98. Sussidjarjament, il-qosor tar-RPB dwar il-kwistjoni huwa differenti wkoll mill-Artikolu 66 tar-Regolament Nru 1107/2009[57], li jipprevedi l-possibbiltà għall-Istat Membru li jirrestrinġi r-reklamar f'ċerta midja, u jinkludi regoli dwar elementi ta' reklamar mandatorji jew ipprojbiti,

[54] Ara l-Artikolu 1(1) tar-RPB.

[55] L-Artikolu 48 tar-Regolament KII, inkluż fit-Titolu VII dwar "Dispożizzjonijiet finali", jipprevedi, flimkien mal-premessa 67 ta' dan ir-regolament, regoli similarment konċiżi dwar ir-reklamar li huma.

[56] Ara l-Artikoli 87(1), 88(1), (2) u (3) tad-Direttiva 2001/83.

[57] Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU 2009, L 309, p. 1).

bħall-projbizzjoni ta' "rappreżentazzjoni viżiva ta' prattiki potenzjalment dannużi, bħat-taħlit jew l-applikazzjoni mingħajr ħwejjeġ protettivi suffiċjenti, l-ebda użu ħdejn l-ikel jew użu ħdejn jew fil-viċinanza tat-tfal."

99. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiena tal-fehma li kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni ried li l-kompetenza tal-Istati Membri li jipprojbixxu ċerti tipi ta' reklamar tkun is-suġġett ta' prelazzjoni, kien joħloq regoli iktar ibbilanċjati. Il-fehma tiegħi dwar din il-kwistjoni hija msaħħa wkoll bl-eżistenza, fir-RPB, tar-regoli derogatorji li jikkonċernaw prodotti li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni jew li huma relatati mal-użu ta' sustanzi attivi ġodda [58], jew mill-attenzjoni li l-leġiżlatur isejjaħ għaliha fir-rigward tal-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli, bħal nisa tqal u tfal [59].

100. Għalhekk, fid-dawl tal-preċedenti, nikkonkludi li r-RPB ma jipprekludix il-projbizzjoni ta' reklamar inkwistjoni. B'mod simili għal dak li ġie osservat iktar 'il fuq [60], din il-projbizzjoni xorta għandha tkun konformi mal-limiti li jirriżultaw mill-Artikoli 34 u 36 TFUE.

b) Limiti li jirriżultaw mill-Artikoli 34 u 36 TFUE

101. Il-projbizzjoni ta' reklamar inkwistjoni għandha, fil-fehma tiegħi, titqies bħala "modalità ta' bejgħ". Fil-fatt, din il-projbizzjoni ma tikkonċernax ir-rekwiżiti applikabbli għall-prodotti inkwistjoni u ninnota li l-Qorti tal-Ġustizzja ripetutament qieset li restrizzjonijiet li jaffettwaw il-possibbiltajiet ta' reklamar tal-operaturi ekonomiċi jaqgħu taħt din il-kategorija [61].

102. B'riferiment għall-kundizzjonijiet indikati fit-taqsima preċedenti, li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex il-projbizzjoni inkwistjoni ma taqax taħt l-Artikolu 34 TFUE [62], ninnota li din tapplika għall-operaturi ekonomiċi kollha attivi fis-suq rilevanti mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità.

103. L-evalwazzjoni tal-mistoqsija dwar jekk taffettwax iktar lill-prodotti li joriġinaw fi Stati Membri oħra milli dawk domestiċi tidher iktar kumplessa.

104. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li regoli nazzjonali li jobbligaw lill-operaturi ekonomiċi li jibdlu l-forma jew il-kontenut ta' kampanja ta' reklamar jaqgħu taħt l-Artikolu 34 TFUE [63].

105. Din il-kawża, madankollu, ma hijiex ikkonċernata bi ħtieġa li jiġi mibdul il-kontenut ta' kampanja promozzjonali, iżda pjuttost b'impossibbiltà assoluta li xi kampanja dwar l-erba' kategoriji ta' prodotti bijoċidali tiġi mmirata għall-pubbliku ġenerali.

106. Minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja ripetutament irrikonoxxiet li ċerti projbizzjonijiet ta' reklamar jistgħu jillimitaw il-kwantità ta' bejgħ, hija qieset ukoll li diversi minnhom ma jaqgħux taħt l-Artikolu 34 TFUE.

58 Ara l-Artikolu 55 tar-RPB.

59 Premessa 3 tar-RPB.

60 Ara l-punt 19 iktar 'il fuq.

61 Ara, pereżempju, is-sentenza fil-Kawża DocMorris, punt 37, u s-sentenza tad-9 ta' Frar 1995, Leclerc-Siplec (C-412/93, EU:C:1995:26, punt 22) (iktar 'il quddiem "is-sentenza fil-Kawża Leclerc-Siplec"). Ara wkoll il-konklużjonijiet f'A, punt 71.

62 Ara l-punti 42 *et seq* iktar 'il fuq.

63 Sentenza tat-12 ta' Diċembru 1990, SARPP (C-241/89, EU:C:1990:459, punti 29 u 30) (qabel Keck u Mithouard). Ara wkoll is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2004, Douwe Egberts (C-239/02, EU:C:2004:445, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

107. Dan kien il-każ ta' regoli nazzjonali li rispettivament eskludew is-settur tad-distribuzzjoni mir-reklamar televiżiv [64], ipprojbixxew lill-ispiżjara milli jirreklamaw, barra l-ispiżerija tagħhom, prodotti kważifarmatewtiċi [65], jew anki pprojbixxew lil spiżerija ta' bejgħ bil-korrispondenza milli torganizza kampanja ta' reklamar fil-forma ta' kompetizzjoni bi premju [66].

108. Huwa minnu, madankollu, li fis-sentenzi fil-Kawżi De Agostini u Gourmet International Products, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma jistax jiġi eskluż li projbizzjoni assoluta jista' jkollha impatt ikbar fuq il-prodotti minn Stati Membri oħra [67]. Ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja jidher li jissuġġerixxi, madankollu, li l-eżistenza (possibbli) ta' restrizzjoni li taqa' taħt l-Artikolu 34 TFUE oriġinat minn diffikultà speċifika li kkonfronta operatur ekonomiku biex jidħol fis-suq nazzjonali. Fis-sentenza fil-Kawża De Agostini, kawża kkonċernata bi projbizzjoni ta' reklamar televiżiv immirat għat-tfal ta' inqas minn 12-il sena u ta' reklamar qarrieqi, il-kwalifika ta' din il-miżura tħalliet miftuħa, billi l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment għad-dikjarazzjoni ta' De Agostini dwar ir-reklamar televiżiv bħala "l-unika forma effettiva ta' promozzjoni li tippermettilha tippenetra s-suq Svediż" [68].

109. B'mod simili, fis-sentenza fil-Kawża Gourmet International Products, il-konklużjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li projbizzjoni Svediża ta' reklamar ta' xorb alkoħoliku tammonta għal ostakolu tal-kummerċ kienet marbuta mad-dikjarazzjoni li l-konsum ta' dan ix-xorb "huwa marbut ma' prattiki soċjali tradizzjonali u tradizzjonijiet u konswetudnijiet lokali" [69]. Il-fatt li l-pubblikazzjonijiet li jinkludu r-reklamar setgħu jiġu ddistribwiti f'punti ta' bejgħ ma affetwax din il-konklużjoni minħabba li, f'dak il-każ, "il-kumpannija li tappartjeni kompletament lill-Istat Svediż li kellha monopolju ta' bejgħ bl-imnut fl-Isvezja, fil-fatt iddistribwixxiet biss il-ġurnal tagħha f'dawn il-punti ta' bejgħ" [70].

110. Finalment, fis-sentenza fil-Kawża Deutsche Parkinson Vereinigung, il-konklużjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-effetti restrittivi ta' projbizzjoni ta' bejgħ bil-korrispondenza kienet ibbażata fuq il-konstatazzjoni li dan il-metodu ta' bejgħ kien jikkostitwixxi, għal spiżeriji ta' bejgħ bil-korrispondenza, mezz iktar importanti, *jekk mhux eventwalment l-uniku mezz*, sabiex jaċċedu direttament għas-suq inkwistjoni [71].

111. Il-fatti ta' din il-kawża, kif ippreżentati fid-deċiżjoni tar-rinviju, ma jindikaw ebda tali diffikultà inizjali li r-rikorrenti jaffaċċjaw meta jintroduċu prodotti minn Stati Membri oħra fis-suq Franċiż.

112. Minkejja li l-projbizzjoni inkwistjoni probabbli li taffettwa l-kwantità tal-bejgħ, ninnota li din ma tipprojbixxix ir-reklamar kollu.

113. Ir-reklamar għal utenti professjonali jibqa' possibbli, li jfisser li l-operaturi ekonomiċi għandhom kanal ta' kummerċjalizzazzjoni għad-dispożizzjoni tagħhom.

64 Sentenza fil-Kawża Leclerc-Siplec, punti 20 sa 24.

65 Sentenza tal-15 ta' Diċembru 1993, Hünermund *et* (C-292/92, EU:C:1993:932, punti 22 sa 24).

66 Sentenza fil-Kawża DocMorris, punti 39 sa 45. Ara wkoll, f'kuntest fattwali differenti, is-sentenza fil-Kawża Karner, punti 42 u 43.

67 Sentenzi tad-9 ta' Lulju 1997, De Agostini u TV-Shop (C-34/95 sa C-36/95, EU:C:1997:344, punt 42) (iktar 'il quddiem "is-sentenza fil-Kawża De Agostini") u tat-8 ta' Marzu 2001, Gourmet International Products (C-405/98, EU:C:2001:135, punt 19) (iktar 'il quddiem "is-sentenza fil-Kawża Gourmet International Products").

68 Sentenza fil-Kawża De Agostini, punti 43 u 44.

69 Sentenza fil-Kawża Gourmet International Products, punt 21.

70 *Ibid*., punt 23.

71 Sentenza fil-Kawża Deutsche Parkinson Vereinigung, punt 25.

114. Lanqas ma jidher, kuntrarjament għall-fatti tas-sentenza fil-Kawża Gourmet International Products, li xi mudell preeżistenti tas-suq, bħall-kontroll minn entità monopolistika tal-punti ta' distribuzzjoni, jagħmel il-possibbiltà li jintlaħqu l-utenti professjonali illużorja.

115. Finalment, kuntrarjament għall-fatti tal-kawża ċċitata, il-prodotti bijoċidali ma jidhrux li huma simili għal xorb alkoħoliku li l-utenti lokali jistgħu jkunu ħolqu xi rabta soċjali tradizzjonali magħhom.

116. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nikkonkludi li l-projbizzjoni tar-reklamar tal-prodotti bijoċidali magħżula indirizzata lill-pubbliku ġenerali ma tikkostitwixxix restrizzjoni tal-kummerċ li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34 TFUE.

117. Madankollu, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx ma' din l-analiżi u tikkonkludi li l-projbizzjoni inkwistjoni tammonta għal restrizzjoni tal-kummerċ, noffri r-raġunijiet segwenti li, fil-fehma tiegħi, jiġġustifikawha.

118. B'riferiment għall-analiżi tiegħi mwettqa fil-parti preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet[72], ninnota li l-projbizzjoni inkwistjoni tista' tkun iġġustifikata bl-għan tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-ambjent sa fejn hija intiża li tillimita l-użu tal-prodotti li "jistgħu joħolqu riskji għall-bnedmin, l-annimali u l-ambjent minħabba l-proprjetajiet intrinsiċi tagħhom u l-modi ta' użu assoċjati magħhom"[73]. Barra minn hekk, il-Gvern Franċiż għamel riferiment għal użu ħażin tal-insettiċidi, speċjalment f'residenzi privati, il-perikolu tal-intossikazzjoni ta' speċi oħra kkawżat mill-użu mhux xieraq tar-rodentiċidi, u r-riskji li t-tniġġis tal-ilma, li jirriżulta mill-użu tal-insettiċidi inkwistjoni, jippreżentaw għal ċerti speċi.

119. Il-projbizzjoni ta' reklamar indirizzat lill-pubbliku ġenerali jidher li hija xierqa wkoll għall-kisba tal-għanijiet iddikjarati iktar 'il fuq, peress li tista' tipprevjeni messaġġi promozzjonali li jistgħu jiskattaw użu miżjud tal-prodotti bijoċidali identifikati mir-regolatur nazzjonali bħala ta' tħassib partikolari.

120. Dwar il-ħtieġa tagħha, nosserva li l-projbizzjoni inkwistjoni tikkonċerna biss ir-reklamar indirizzat lill-utenti privati minflok lill-professjonisti, li jidher li huwa konsistenti mal-għan li jiġi limitat l-użu mhux xieraq tal-prodotti inkwistjoni.

121. Dwar l-alternattivi possibbli diskussi fil-punti 70 sa 75, dawn jippreżentaw, fil-fehma tiegħi, *mutatis mutandis* l-istess punti ta' dgħufija anki f'dan il-kuntest. Finalment u b'mod simili għal dak li osservajt fir-rigward tal-projbizzjoni ta' skontijiet u ta' prattiki simili, ir-reklamar lill-pubbliku ġenerali jibqa' awtorizzat għall-prodotti kollha li huma mill-bqija kkonċernati mill-projbizzjoni meta dawn jippreżentaw riskju baxx, jiġifieri meta jikkwalifikaw għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni ssemplifikata skont l-Artikolu 25 tar-RPB[74]. Dan juri, kif diġà ġie osservat, li r-regolatur nazzjonali fittex li jirrestrinġi l-portata mhux neċessarja tal-projbizzjoni inkwistjoni.

[72] Ara l-punti 63 *et seq* iktar 'il fuq.

[73] Premessa 1 tal-BPR, u l-punt 67 iktar 'il fuq.

[74] Ara l-punt 76 iktar 'il fuq.

122. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi, kuntrarjament għas-suġġeriment tiegħi iktar 'il fuq, li l-projbizzjoni inkwistjoni tikkostitwixxi restrizzjoni tal-kummerċ li taqa' taħt l-Artikolu 34 TFUE, inqis li dik il-projbizzjoni hija ġġustifikata mill-għan tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-ambjent, hija xierqa sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet, u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu.

V. Konklużjoni

123. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi lill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) kif ġej:

La r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali u lanqas l-Artikolu 34 TFUE ma jipprekludu dispożizzjonijiet nazzjonali, bħalma huma dawk inklużi fl-Artikoli L. 522-18 u R. 522-16-1 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent, li jipprojbixxu, b'konnessjoni mal-bejgħ tat-tipi ta' prodotti 14 u 18, kif iddefiniti fl-Anness V tar-Regolament Nru 528/2012, skontijiet, riduzzjoni tal-prezz, tnaqqis, differenzi bejn kundizzjonijiet ġenerali u dawk speċjali tal-bejgħ, l-għoti ta' unitajiet b'xejn u kwalunkwe prattiki ekwivalenti.

L-Artikolu 72 tar-Regolament Nru 528/2012 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkluża fl-Artikoli L. 522-5-3 u R. 522-16-2 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent li tobbliga l-użu ta' dikjarazzjoni addizzjonali fir-reklamar indirizzat lill-utenti professjonali tat-tipi ta' prodotti 14 u 18, kif iddefiniti fl-Anness V tar-Regolament Nru 528/2012, kif ukoll tat-tipi ta' prodotti Nru 2 u 4 iddefiniti fl-istess anness u kklassifikati, skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 bħala perikoluża għall-ambjent akkwatiku, kategorija 1: kategorija akuta 1 (H400) u kategorija kronika 1 (H410).

La r-Regolament Nru 528/2012 u lanqas l-Artikolu 34 TFUE ma jipprekludu l-Artikoli L. 522-5-3 u R. 522-16-2 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent, li jipprojbixxu r-reklamar ta' prodotti bijoċidali tal-istess kategoriji ta' prodotti bijoċidali indirizzati lill-pubbliku ġenerali.